Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru 123/2011/1

**Joseph Zahra (appellant)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni (appellat)**

12 ta' Lulju, 2019.

1. B'sentenza tal-11 ta' Ottubru, 2018 it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ċaħad l-ilment tar-rikorrent li l-likwidazzjoni għas-snin 1992 sa 2004 saru *fuori termine*. Fir-rikors li ppreżenta fil-25 ta' Marzu 2011, ir-rikorrent invoka l-artikoli 30 u 31 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

2. B'rikors preżentat fid-29 ta' Ottubru, 2018 ir-rikorrent appella mis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fejn ilmenta mir-raġunament tal-qorti kemm dwar il-fatti u wkoll dwar id-disposizzjonijiet ta' liġi.

3. B'mod preliminari l-intimat invoka n-nullita' tal-appell għaliex ir-rikorrent ma talabx il-permess tat-Tribunal skont l-artikolu 231 tal-Kap. 12.

4. Mhemmx dubju li s-sentenza tal-11 ta' Ottubru, 2018 hi sentenza parzjali li biha t-Tribunal iddeċieda l-ilment tar-rikorrent li avviżi ta' likwidazzjoni kienu nħarġu *fuori termine.*

5. Skont l-imsemmija disposizzjoni, appell minn sentenza parzjali jista' jsir bil-permess tal-qorti li għandu jingħata bil-miftuħ. Hemm bżonn li t-tellief jitlob permess bil-fomm waqt is-seduta jew b'rikors preżentat fi żmien sitt (6) ijiem mis-sentenza.

6. Mill-atti hu evidenti li r-rikorrent ma talabx permess lit-Tribunal fit-termini tal-artikolu 231 tal-Kap. 12. Fil-fatt waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2018, it-Tribunal kien infurmat li s-sentenza parzjali kienet ġiet appellata. Hekk ukoll permezz ta' nota li ppreżenta fit-22 ta' Novembru, 2018 iddikjara, *"…. li huwa intavola appell mid-deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar il-preskrizzjoni ferm qabel is-*

*seduta preċedenti u għalhekk il-proċeduri jinsabu pendenti l-eżitu ta' dan l-appell"*.

7. Wieħed mill-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba, skont l-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva hi li:

   > *"Id-deċiżjoni għandha tingħata kemm jista' jkun malajr u għal dan il-għan* ***it-Tribunal għandu jagħti deċiżjoni waħda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawża kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, proċedurali jew sostantiva****"*.

8. Għaldaqstant, skont dik id-disposizzjoni mhux suppost ingħatat is-sentenza preliminari tal-11 ta' Ottubru, 2018 għaliex biha ġiet deċiża kwistjoni ta' natura preliminari.

9. Il-liġi ma tipprovdix x'inhi l-konsegwenza f'każ ta' imġiba amministrattiva mhux tajba minn wieħed mit-tribunali li jissemmew fl-Att.

10. Madankollu d-domanda li għandha tiġi mwieġba b'riferenza għall-eċċezzjoni preliminari tal-intimat, hi:- **l-artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika għas-sentenza oġġett tal-appell ?**

11. Skont l-artikolu 3(2) tal-Kap. 490 it-Tribunal mhux suppost ta dik id-deċiżjoni. Għalhekk wisq inqas kellu jsir appell minn sentenza *in parte*.

12. F'kull każ it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva twaqqaf bl-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490). Skont l-artikolu 23(2) ta' dik il-liġi:-

   > *"Id-disposizzjonijiet li* ***<u>jirregolaw il-Qorti tal-Appell</u>*** *fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall-Qorti tal-Appell meta din tkun qegħda tisma' appelli minn disposizzjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva"*.

13. L-artikolu 231 tal-Kap. 12 japplika għall-appelli minn *sentenza in parte* li jsiru quddiem il-Qorti tal-Appell. Għalhekk ir-rikorrent kellu l-ewwel jitlob il-permess tat-Tribunal sabiex jappella mis-sentenza tal-11 ta' Ottubru, 2018.

14. Ġialadarba ma ntalabx permess, l-appell hu null (ara per eżempju sentenza tat-8 ta' April 2019 tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Raymond Avallone proprio et nomine vs Onor. Prim Ministru**).

**Għaldaqstant, tiddikjara null l-appell li r-rikorrent ippreżenta fid-29 ta' Ottubru, 2018. Spejjeż a karigu tar-rikorrent**.

**L-atti għandhom jintbgħatu lura lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jissokta bis-smiegħ tal-kawża.**

Anthony Ellul.